# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 1179/91DS**

**Nancy mart Emanuel Mangion u l-istess Emanuel Mangion bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Victoria mart Joseph Scerri u l-istess Joseph Scerri bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Michelle mart Philip Falzon u l-istess Philip Falzon bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Charles Camilleri, Rino Camilleri u Joseph Camilleri, u Giovanna armla ta' Victor Camilleri**

**vs**

**Albert Bezzina Wettinger**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenut bil-prezenti citazzjoni:-

> "L-atturi wara li ppremettew illi:
>
> Huma proprjetarji ta' porzjon art konsistenti f'ghalqa denominata "Ta' Zuppa" fil-kontrada ta' Birguma limiti tal-Gharghur;

L-atturi huma proprjetarji wkoll ta' porzjon art kontigwa ghall-art deskritta fl-ewwel premessa, liema art hi denominata "Ic-Cens tan-Nigret" fl-imsemmija kontrada ta' Birguma limiti tal-Gharghur, liema ghalqa hija blat u tal-kejl ta' cirka wejba u erba sighan.

L-imsemmija porzjon divizi ta' art huma provenjenti lill-atturi b'wirt ta' Victor Camilleri li miet fit-30 ta' Novembru 1989 li l-istess Victor Camilleri kien akkwista permezz ta' kuntratt atti Nutar Francis Micallef tat-30 ta' Jannar 1965 fil-kors taz-zwieg tieghu mal-attrici Giovanna Camilleri.

Il-konvenut jippretendi u qieghed jivvanta drittijiet ta' proprjeta' fuq l-art "de quo' u qieghed jirreklama biex jiddisponi minnha favur terzi.

L-atturi ottenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1196/91 Prim'Awla fejn din il-Qorti ghogobha tinibixxi lill-konvenut li ibiegh l-art fuq deskritta u wkoll ma jkomplix jivvanta drittijiet ta' proprjeta' fuq l-istess.

Talab lil din il-Qorti li:

1. Tikkundanna lill-konvenut li definittivament ma jbieghx l-art fuq deskritta favur terzi u testendi ghalhekk definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1196/91 Prim'Awla u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi in linea definittiva illi l-art fuq deskritta hija proprjeta' tal-atturi okkorrendo b'opra ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1196/91 Prim'Awla kontra l-konvenut."

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut eccepixxa ghat-talbiet attrici billi fl-ewwel lok li l-proprjeta' in kwistjoni kienet proprjeta' tieghu u ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi kellhom jigu michuda u fi kwalsiasi kaz l-atturi kellhom jipprovaw l-interess taghhom u t-titolu taghhom ghall-proprjeta' reklamata.

**Decide**

B'sentenza tal-21 ta' April, 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja adozzjoni tar-rapport peritali, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici. Konsegwentement ikkundannat lill-konvenut biex definittivament ma jbieghx l-art fuq deskritta favur terzi u estendiet ghalhekk definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1196/91 mahrug minn dik il-Qorti u ddikjarat u ddecidiet li l-art imsemmija fl-att tac-citazzjoni kienet ta' proprjeta' ta' l-atturi. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Din il-kawza tirrigwarda bicctejn art fil-kontrada tal-Birguma limiti tal-Gharghur li huma kontigwi u li fuqhom qed ivantaw titolu kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut.
>
> L-atturi jidderivaw it-titolu taghhom minn zewg kuntratti ta' xiri minn missierhom permezz ta' zewg kuntratti tas-17 ta' Lulju 1964 u tat-30 ta' Jannar 1965 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef (Dok. MC4 u MC5). Il-konvenut isostni li t-titolu tieghu hu antecedenti ghal dak ta' l-atturi u li l-art ilha fil-familja tieghu ghal minn madwar hamsin sena qabel it-Tieni Gwerra.
>
> <u>Il-konvenut</u> xehed li omm missieru, sa minn qabel l-1943, kienet tghid li kellha art fil-Birguma tal-kejl ta' madwar ghaxart itmiem. Din l-art kienet imdawra bil-hitan u ma tintuzax, ghalkemm hi kienet tmur hemm spiss. Nanntu mietet f'Settembru 1943. Missier il-konvenut messu din l-art b'wirt. Kien imur ghall-kacca

fl-ghalqa. Fl-1952 missier il-konvenut qal lill-istess konvenut biex jibda jmur ghal-kacca fiha u hekk ghamel. Huwa qal illi fil-15 ta' Gunju 1952 innota li ta' Cupa (il-laqam tal-atturi) li kellhom barriera hdejn l-art in kwistjoni kienu qed jersqu bl-ingenji fuq l-art tal-familja tal-konvenut. Hu kellem lis-sid, Victor Camileri, u qallu biex ma jibqax diehel 'il gewwa fl-art tieghu. Camilleri keccieh 'il barra u l-konvenut wiegbu li kien ser johrog mill-art ta' Camileri (ghax il-konvenut kien dahal ghandu biex ikellmu) imma mhux mill-art tieghu (tal-konvenut).

Xi jiem wara Victor Camilleri, huh Cikku u ragel iehor marru jkellmu lil missier il-konvenut. Wara sabu lil-konvenut u Cikku saqsieh: "Se taghtihulna dak il-blat?" Il-konvenut wiegbu: "Le, ma naghtihulekx". Pero' meta Cikku qallu li l-art riduha biex irabbu l-familja, il-konvenut biddel fehmtu u qal lil Cikku li jaghtihulu bil-kuntratt u minghajr hlas hlief Lm8 tal-kuntratt. La Cikku u lanqas Victor ma riedu jhallsu t-Lm8 u ghalhekk il-konvenut taghulhom minghajr kuntratt izda bil-kundizzjoni li jaghlqu sal-livell tat-triq.

Fl-1965 meta lestew mil-blat, Victor Camileri avvicina lill-konvenut u qalu li ma kellhomx fejn jaqtghu blat aktar. Qallu wkoll li kien tah rigal ghax kien ghatta l-art bil-hamrija u anke rringrazzja lill-konvenut. Wara l-1965 il-konvenut rega' beda jmur fuq l-art biex jonsob, hadd ma keccieh minn hemm u ma ra lil hadd fiha.

Francis Bezzina Wettinger, hu l-konvenut, xehed li fl-1952 missieru qallu li kellu jmur id-dar Victor Camilleri, Tac-Cupa, biex jitlobhom permess jaqla' l-blat ta' Birguma. Ix-xhud kien jifhem xi ftit u ghalhekk ta parir lil missieru biex itieh permess jaqla' sa wicc it-triq peress li l-art kienet tikkonsisti fil-livell mat-triq izda wara jitla' madwar zewg sulari.

Filomena Bezzina Wettinger xehdet li kienet tamministra l-eredita' indiviza tal-genituri. Id-denunzja ta' missierhom saret bl-ghajnuna tan-Nutar Gatt. L-informazzjoni li tat fid-denunzja kienet dwar artijiet jew proprjeta' li kienet taf bihom ghax kienet taghmel l-ircevuti taghhom. Ma nizzlitx art li ma kellhiex ircevuti taghhom. Missierha kien traskurat f'dawn l-affarijiet. In-Nutar Gambin gabrilha kollox bir-ricerki. Kienet tat kopja tad-denunzja lil hutha u hadd minnhom ma semma li kienet thalliet barra xi bicca art. L-art ta' Birguma ma tafx messiex xi haga minnha ghax kienet wirt tan-nanna. Din l-art semmihielha huha snin wara li miet missierha fl-1990.

L-atturi kollha xehdu li dejjem jiftakru lil missierhom fl-art in kwistjoni. Esebew permessi governattivi moghtija lil missierhom

sabiex ikun jista' jopera ingenji ta' barriera fl-istess art. Esebew ukoll diversi dokumenti biex jippruvaw it-titolu taghhom:

Victor Camilleri miet intestat fit-30 ta' Novembru 1989 u halla superstiti lill-attrici martu Giovanna u lis-sitt uliedu atturi Carmel, Joseph, Nazzareno, Nancy mart Emanuel Mangion, Victoria mart Joseph Scerri u Michelle mart Philip Falzon (denunzja Dok. MC15).

Victor Camilleri kien akkwista l-art in kwistjoni permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef – wiehed tas-17 ta' Lulju 1964 meta akkwista zewg terzi tal-proprjeta' minghand Alfred u Fedele, ahwa Magro, u kuntratt iehor tat-30 ta' Jannar 1965 meta akkwista kull sehem ta' l-istess proprjeta' minghand Paul Sammut (Dok MC4 u Dok. MC5).

Alfred u Fedele Magro u Paolo Sammut kienu akkwistaw l-art minghand Francesco Camilleri b'kuntratt tat-23 ta' Lulju 1955 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri (Dok. MC3).

Francesco Camilleri (li kien hu 'l fuq imsemmi Victor Camilleri), kien xtara dik il-porzjoni tal-proprjeta' imsejha "ic-Cens tan-Nigret" tal-kejl ta' erbat itmiem u erba sighan minghand certu Pietro Cilia b'kuntratt tas-17 ta' Lulju 1953 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri. Minn dan il-kuntratt jirrizulta li l-ghalqa indikata giet ghand Pietro Cilia b'xiri permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Awissu 1910 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani (Dok. MC1).

Il-porzjoni l-ohra tal-proprjeta' msejha "Ta' Zuppa" tal-kejl ta' cirka sitt itmiem akkwistata minn Francesco Camilleri minghand Joseph Bonnici Mallia b'kuntratt iehor tas-27 ta' Gunju 1954 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri. Il-provenjenza fl-imsemmi kuntratt tindika li Joseph Bonnici Mallia wiret l-art minghand zijuh Dottor Giovanni Bonnici li miet fit-2 ta' Marzu 1943 u li dan kien akkwista l-art b'divizjoni tas-16 ta' Awissu 1928 fl-atti tan-nutar Carlo Micallef DeCaro (Dok. MC2).

Minn dawn id-dokumenti ghalhekk tirrizulta s-sekwenza ta' kif l-artijiet in kwistjoni ghaddew minghand persuna ghall-ohra sakemm inxtraw minn Victor Camilleri li mbaghad wirtuh l-atturi. M'hemmx dubju li bid-dokumenti pprezentati mil-atturi, huma pruvaw it-titolu taghhom fuq l-artijiet mertu ta' din il-kawza.

Issa fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qal li l-art in kwistjoni hija proprjeta' tieghu.  Mill-provi li huwa pproduca pero' huwa ovvju li huwa mhux qed jivvanta titolu derivanti minn kuntratt. Difatti ma esebixxa l-ebda ricerki jew atti notarili li jindikaw li l-konvenut jew

l-axxendenti tieghu setghu akkwistaw l-art b'xi att notarili. Mill-provi minnu prodotti jirrizulta li huwa qieghed jallega li l-art ilha f'idejn il-familja tieghu ghal zmien twil, u ghalhekk, kif tajjeb issottometta l-perit legali, jidher li qieghed jallega li ghandu titolu ta' preskrizzjoni akkwizitiva (ara, per ezempju, f'dar-rigward ittra tal-15 ta' Ottubru 1991 tal-konsulent legali tieghu lil Charlrs Camilleri – dok. MC18). Biex tali allegazzjoni tirnexxi, pero', il-provi jridu jkunu cari u inkonfutabbli u li ma jhallu l-ebda dubju li l-proprjeta giet akkwistata bil-pussess kontinwu, miftuh u inekwivoku ghal zmien tletin sena, liema pussess kien animo domini.

Il-konvenut esebixxa kopja tat-testment tan-nanniet tieghu Angelo u Filomena konjugi Bezzina ta' l-1 ta' Jannar 1923 fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono, liema testment pero' ma jikkontjeni l-ebda riferenza ghall-proprjeta' mertu ta' dil-kawza. Esebixxa wkoll kopji tad-denunzja ta' missieru (Dok. DC3 u RF1). Ma gietx esebita kopja tad-denunzja tan-nanna tal-konvenut li allegatament kienet sidt l-art. Il-konvenut ighid biss li talab kopja lid-Dipartiment Governattiv koncernat u li din ma nghatatlux. Ma dehrlux li ghandu jinguni lill-Kap tad-Dipartiment biex jesebixxi kopja tad-denunzja jew ighid jekk fil-fatt saritx. Lanqas ma jipprova jaghti spjegazzjoni ta' 'kif in-nanna tieghu setghet akkwistat l-art in kwistjoni. Jallega biss li kient tmur hemm spiss mhux ghal xi skop partikolari izda biex hadd ma jehodielha. Inoltre, u dan ghall-iskop tar-rekwizit ta' pussess, jallega li missieru kien imur fiha ghall-kacca sa minn qabel l-1940 filwaqt li hu beda jmur fl-1952.

Tajjeb osserva l-perit legali li l-aktar fatt li jpoggi t-tezi tal-konvenut fid-dubbju hu li fid-denunzja originali li saret meta miet missieru, ma saret l-ebda riferenza ghal din l-art. L-ewwel accenn sar f'denunzja addizzjonali li saret fl-1997, sitt snin wara li bdiet il-kawza odjerna. Oht il-konvenut, Filomena Bezzina Wettinger, li hadet hsieb l-eredita' u d-denunzja, xehdet li dwar l-art ma kellha l-ebda dokument u ma kenitx taf biha. U nonostante li tat kopja tad-denunzja lil hutha, hadd minnhom ma qal xejn li l-art kienet giet ommessa. Barra minn dan, ghalkemm l-art kienet allegatament ilha gejja minn zmien in-nanniet, hadd ma ghamel xejn dwarha (salv id-denunzja addizzjonali msemmija).

Jigi osservat ukoll li huwa difficli li jitwemmen li l-konvenut ma jhallix lill-awtur ta' l-atturi jidhol iqatta l-blat f'art li jallega li hi tieghu u ftit wara jhallieh minghajr ebda kuntratt, skrittura jew hlas.

> U filwaqt li l-konvenut eccepixxa li hu biss kien proprjetarju ta' l-art (bhalma ghamel fl-ittra diga' msemmija Dok. MC18), meta saret id-denunzja addizzjonali gie indikat li l-art kienet ta' l-ahwa Bezzina flimkien. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghal dan it-tibdil.
>
> Fid-dawl ta' dawn l-konsiderazzjonijiet kollha ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali li l-provi prodotti mill-konvenut bl-ebda mod ma jistghu jwasslu biex jissodisfaw ir-rekwiziti tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Mill-banda l-ohta l-provi li gabu l-atturi juru minghajr dubju li l-art in kwistjoni hija proprjeta' taghhom."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u ssottometta li l-Ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti. Hu rribadixxa dak li sostna quddiem l-Ewwel Qorti illi l-familja tieghu kienet ilha tippossjedi l-art de quo ghal perjodu ta' zmien twil sahansitra qabel it-tieni gwerra dinjija u kienet ghalhekk tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena. L-appellant ikkontesta l-prova li l-atturi ttantaw jaghmlu illi l-art kienet tappartjeni lilhom sa mis-sena 1910. Dan ghaliex skond huma il-kuntratt esebit minnhom u li jgib id-data tat-18 ta' Awissu, 1910 u li permezz tieghu Pietro Cilia awtur ta' l-appellati allegatament kien akkwista din il-proprjeta', ma kellu xejn x'jaqsam ma' l-art in kwistjoni imma kien jirreferi ghal bicca art ohra vicin taghha. L-appellant allura jikkoncedi illi l-eqdem kuntratt esebit mill-atturi li minnu setghu jivvantaw titolu kien jirrisali biss ghall-1953. Minn naha tieghu l-appellant jissottometti illi huwa ma setax iressaq provi aktar milli ressaq biex jistabilixxi l-pussess kontinwu, miftuh u inekwiwoku ghal zmien

tletin sena u oltre li jippretendi li hu u l-awturi tieghu kellhom ta' l-art. "Il-pussess specjalment meta ghadda dan iz-zmien kollu huwa fatt illi jista' jigi biss provat bix-xhieda kif ittanta jaghmel l-appellant u mhux mid-dokumenti jew skritturi".

L-appellant jikkontesta wkoll il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi qieset li l-aktar fatt li jdghajjef it-tezi tieghu kien ic-cirkostanza illi fid-denunzja originali li saret meta miet missieru ma kienet saret l-ebda riferenza ghal din l-art. L-appellant jistaqsi:- "X'seta' jaghmel l-esponent (l-appellant) jekk bi traskuragni missieru nesa din l-art kompletament u wara mewtu konsegwentement din l-art kienet ser tintesa mill-eredi? Wara kollox anke x-xhud Filomena Bezzina Wettinger li kienet tamministra l-eredita' indiviza tal-genituri taghha, xehdet illi missierha kien "traskurat f'dawn l-affarijiet", fatt illi gie notat mill-Ewwel Qorti". L-appellant jissottometti illi l-pussess jirrizulta mill-provi fosthom dawk li jistabilixxu li missieru u omm missieru kienu jaghmlu uzu mill-art in kwistjoni. Hu jissottometti li kien irnexxielu jipprova wkoll illi kien dan il-pussess li kien miftuh u inekwivoku u kien ukoll animo domini.

Ghandu jkun realment ovvju kif hu mpustat l-aggravju kollu ta' l-appellant illi dan ma hu xejn hlief kritika ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti u li l-kontendenti pproducew biex jistabilixxu t-titolu li kienu jivvantaw fuq il-proprjeta'. Fil-kaz ta' l-appellant, dawn il-

provi suppost li kienu mmirati biex jistabilixxu dik il-kwalita' tal-pussess li l-ligi kienet tesigi bhala l-ewwel element essenzjali biex jigi eradikat it-titolu ta' akkwist ta' proprjeta' tramite l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Dan ghaliex jidher li huwa accettat u ammess mill-appellant illi hu ma seta' javanza l-ebda titolu iehor hlief dan. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu mehtieg li taghmel l-istess indagini li b'mod kompetenti ghamlet l-Ewwel Qorti fl-analizi taghha tal-provi prodotti u li giet aktar 'il fuq f'din is-sentenza registrata.

Minn ezami akkurat tal-process, din il-Qorti ma rnexxielha tislet l-ebda element ta' prova rilevanti li ma giex adittat mill-Ewwel Qorti pero' fil-verita', l-anqas l-appellant ma jsostni fl-aggravju tieghu xi allegazzjoni illi l-Ewwel Qorti skartat provi li setghu kienu rilevanti biex jitfghu dawl fuq il-pussess animo domini illi hu jallega li hu u l-awturi tieghu kellhom fuq l-art in kwistjoni. L-aggravju ta' l-appellanti infatti hu illi l-Ewwel Qorti ma tatx piz lic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu fosthom dak illi minhabba traskuragni ta' missieru u ta' omm missieru, kien difficli ghalih li jaghmel il-prova mehtiega. Dan specjalment fir-rigward ta' dik il-prova li kienet tkun indikattiva ta' pussess animo domini u li kienet tohrog mill-fatt illi l-possessur jindika, f'atti pubblici minnu maghmula bhal ma hi denunzja ta' proprjeta' causa mortis, li tali immobbli kien iqisha bhala proprjeta' tieghu tant li kien dispost u lest li jhallas it-taxxa ta' successjoni fuqha dovuta. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti u li

wasslitha ghall-konvinciment illi l-konvenut appellant ma kienx irnexxilu jipprova sodisfacentement l-elementi essenzjali ta' l-akkwist ta' proprjeta' immobbli tramite l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali.

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, il-konvenut in extremis u meta l-appell kien gia' mholli ghas-sentenza ghamel rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni biex ikun awtorizzat jipprezenta dokumenti li skond hu kienu jaghmlu referenza ghall-istess art mertu tal-kawza u li kienu juru illi din kienet proprjeta' ta' l-antenati tieghu. Dawn id-dokumenti huma infatti kopji ta' denunzja ta' Angelo Bezzina iben Grazio prezentata fis-16 ta' Awissu 1923 u kopja ta' denunzja ohra ta' martu Filomena prezentata fil-21 ta' Mejju, 1943. Din ta' l-ahhar fil-fatt taghmel biss riferenza ghad-denunzja ta' zewgha. Fid-denunzja ta' zewgha, hemm indikati bhala proprjeta' fil-komunjoni ta' l-akkwisti, zewg porzjonijiet ta' raba fil-limiti tal-Gharghur, wahda maghrufa bl-isem "Tal-Madliena sive ta' Tuta" u l-ohra maghrufa bl-isem "Tal-Gebla l-Kbira". L-appellati oggezzjonaw ghall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti f'dak l-istadju ferm inoltrat tal-kawza anke ghar-raguni illi d-dokumenti illi xtaq jipproduci l-appellanti kienu facilment accessibbli mid-Dipartiment relattiv u setghu gew prodotti wkoll fi stadju opportun quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti cahdet it-talba ta' l-appellant anke ghal din ir-raguni. Ma tistax pero' ma tinnotax illi meta l-artijiet in kwistjoni suppost gew denunzjati, anke jekk xi snin wara ma bdiet il-prezenti kawza, fid-denunzja tal-missier l-appellant Spiridione Bezzina

d-deskrizzjoni tal-proprjeta' maghmula f'dik id-denunzja ma kellha assolutament xejn x'taqsam mad-deskrizzjoni tal-proprjeta' fid-denunzja ta' Angelo u Filomena konjugi Bezzina. Inoltre d-deskrizzjoni ta' l-art fl-avviz ta' denunzja ta' Angelo u Filomena konjugi Bezzina ukoll ma taqbel fl-ebda partikolari ma' dik moghtija ghall-art fl-att tac-citazzjoni u fid-dokumenti esebiti mill-atturi in sostenn tat-talba taghhom. Dawn ic-cirkostanzi kienu maghrufa lill-appellant tant li hu talab li jipproduci bhala xhud lid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex jixhed dwar fejn tinsab l-art maghrufa bhala "Tal-Gebla l-Kbira" imsemmija fid-denunzji appena citati. Talba din li giet michuda minn din il-Qorti ghaliex kienet tfisser li l-mertu kollu, kieku milqugha dik it-talba, kien ser jinfetah mill-gdid ghad-diskussjoni. Haga din mhux permessa proceduralment f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza.

Apparti dan, din il-Qorti tinnota wkoll illi kif fuq accennat il-fatt illi art tkun denunzjata ma kienx necessarjament tfisser illi din kienet xi prova determinanti ghat-titolu ta' proprjeta' ghalkemm seta' jkun indizju tal-prova li jghin fir-ricerka biex jigi stabbilit jekk tali titolu kienx realment jezisti. Kontra dan l-istat ta' incertezza u konfuzjoni fl-istat tal-provi prodotti mill-<u>appellant</u> in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu, l-<u>appellati</u> stabbilew bla ebda dubju it-titolu ta' proprjeta' taghhom almenu bil-kuntratt ta' akkwist fil-1965 ta' l-art in kwistjoni mill-missier. L-appellant bl-ebda mod ma jiskossa l-provi prodotti mill-appellati illi sa minn zmien missierhom huma kienu jgawdu l-pussess ta' l-art in kwistjoni tant li hu

stabblit li missierhom kien jaqta' l-blat minn hemm. Tirrizulta l-prova li huma kellhom il-pussess kontinwu fuq din l-art u kienu jutilizzawha ghaliex kienu jqisu li kienet proprjeta' taghhom b'titolu li jirrizulta minn att pubbliku tant li wara li miet missierhom huma kienu ddenunzjaw regolarment l-art in kwistjoni. Din il-Qorti hi konkordi ma' l-Ewwel Qorti illi l-provi prodotti mill-appellati mhux biss kienu konkluzivi tat-titolu minnhom pretiz imma wkoll huma bil-wisq aktar kredibbli u attendibbli minn dawk prodotti mill-konvenut appellant u li fuqhom dan jittanta inutilment jeradika titolu.

Kif sewwa gie notat ghall-fini tal-pussess vantat mill-konvenut illi dan xehed illi wara li missieru kien messu l-ghalqa b'wirt, dan ikun imur ghall-kacca fl-ghalqa. Fl-1952 missier l-appellant kien qallu biex imur hu ghall-kacca fiha. Fil-fatt hekk kien beda jaghmel. Skond kif registrat fis-sentenza appellata, kien hemm zmien meta l-appellant ma baqax imur ghall-kacca sakemm rega' beda jmur biex jonsob fl-1965. Dak iz-zmien hadd ma kien waqqfu minn din l-attivita'. B'dik ix-xorta ta' pussess, l-appellant ippretenda illi jakkwista l-proprjeta tar-raba permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tant li beda jirreklama l-art ghall-bejgh favur terzi. Fatt dan li pprovoka l-prezenti istanza.

L-azzjoni ttentata mill-atturi hi dik rivendikatorja. "Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli, ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah

halqu sakemm issir dik il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza. Il-jedd tal-proprjeta' u l-azzjoni rivendikatorja tal-proprjeta' huma haga wahda u ghalhekk ghalkemm min ikun ha taht idejh ghal zmien mehtieg l-immobbli ta' haddiehor jakkwista dan l-immobbli b'sahha ta' uzukapjoni, sid l-immobbli qatt ma jitlef il-jedd ghall-azzjoni rivendikatorja ikun ghadda zmien kemm ikun ghadda. Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubbju dwar il-proprjeta' tar-rivendikant, hi ghandha ssostni lill-possessur". (Vol LXXIX.iii.1257)

Fil-kaz taht ezami ma kien hemm l-ebda stat ta' incertezza dwar it-titolu ta' l-attur. Apparti l-fatt illi anke r-rivendikant jista' jinvoka l-akkwist tal-proprjeta' minnu rivendikata tramite l-preskrizzjoni akkwizittiva – "colui che rivendica puo' altresi invocare la prescrizione" - fil-kaz taht ezami lanqas dan ma hu mehtieg li jaghmlu l-atturi appellati ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, l-atturi kien irnexxielhom sodisfacentement jipprovaw it-titolu ta' proprjeta' taghhom naxxenti minn titolu validu adatt biex jitrasferilhom l-art in piena proprjeta'. Jekk jinghad ma' dan, ic-cirkostanza li kienu ghaddew oltre tletin sena mid-data ta' dak l-att sakemm il-konvenut beda jikkontestalhom il-jedd taghhom fuq l-art, it-titolu ta' l-atturi bl-ebda mod ma jkun jista' jigi mpunjat. Dan multo magis meta mill-provi lanqas jista' jinghad li rrizulta dak il-pussess kontinwu, mhux interrott, pacifiku pubbliku u mhux ekwivoku da parti tal-konvenut appellant u l-awtur tieghu, mehtieg biex javanza b'success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni

akkwizittiva. Infatti fl-istat ta' provi kif inhuma, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tasal ghall-konvinciment li kienu jikkonkorru zewg elementi mehtiega biex jeradikaw il-pussess mehtieg, dak fiziku u dak intenzjonali biex l-appellant sodisfacentement jipprova li kien qieghed jippossjedi utili dominus.

"Meta l-konvenut fl-azzjoni rivendikatorja ma jiddefendix ruhu bil-pussess imma billi jinvoka favur tieghu titolu fuq il-haga rivendikata, isir impellenti ghall-Qorti li tezamina t-titolu pretiz mill-konvenut u jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa' sokkombenti f'din il-prova, huwa prekluz milli jinvoka favur tieghu l-pussess". (Vol.XXV.ii.630)

Fil-kaz taht ezami, l-appellant jivvanta titolu tal-proprjeta' tramite l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali u jippretendi li dak it-titolu huwa aqwa u superjuri ghal dak li irnexxilhom jipprovaw bla wisq diffikulta' u bi kjarezza l-atturi appellati. Din il-Qorti allura tasal ghall-konkluzjoni illi l-atturi kienu jipprovaw konkluzivament it-titolu fuq il-proprjeta' li kienu qed jirrivendikaw "mhux biss bil-fatt pozittiv tal-kuntratt li bih jirrizulta li giet akkwistata imma wkoll mill-fatt negattiv li l-appellant naqas li jipprova t-titolu li kien qed jivvanta fuqha". (Vol LXXX.ii.605)

L-aggravju ta' l-appellant ma seta' bl-ebda mod allura jigu sostnut. Dan proprju ghaliex ma hemm xejn fl-atti illi jitfa' xi dubju fuq prova tal-proprjeta' li l-atturi irnexxilhom adegwatament jaghmlu.

"Il-gurisprudenza dottrina huma pacifici fis-sens illi l-gudikant ghandu jkun rigoruz f'din il-prova (tal-proprjeta' tar-rivendikant) u li kwalunkwe dubju, anke l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. Il-gurisprudenza ppronunzjat ruhha f'dan is-sens. "L'attore in rivendicazione deve provare in modo manifesto il diritto di proprieta' che reclama e basta un semplice dubbio perche' il possessore del immobile sia assorto della domanda". (Coen, Voce Proprieta', para 423)

"L'attore rivendicante deve provare in modo posittivo la proprieta' che reclama e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta' perche il convenuto che e al possesso dev'essere assolto delle domanda (idem para 424)". (Vol. XXIX.ii.488)

Li kieku kien jissussisti dubbju ta' din ix-xorta, il-Qorti ma kienx ikun jehtigilha tidhol f'ezami tal-allegat titolu ta' l-appellant ghaliex f'dik l-eventwalita' xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-preskrizzjoni u lanqas mod iehor li hu proprjetarju. Kien bizzejjed li jipprova l-pussess tieghu ghax dan ikun favorit kontra kull tentattiv ta' rivendika. Una volta pero' dubju dwar it-titolu ta' l-atturi

appellati ma jezistix, kien jinkombi lill-appellant konvenut li jadotta linja difensjonali adegwata u b'sahhitha biex jinnewtralizza t-titolu provat ta' l-atturi rivendikanti billi jopponi ghalih b'titolu tieghu li jkun b'sahhtu u cert. Dan l-appellant naqas b'mod l-aktar manifest li jaghmel.

Ghal dawn il-motivi kif ukoll ghall-motivi dedotti mill-Ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

cb